MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tas-7 ta' Dicembru, 2004

Numru 383/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Kevin J Farrugia)**

**Vs**

Khidir Oulawi

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat Khidir Oulawi ta’ karta ta’ identita’ numru 87795M, akkuzat talli:

a) Nhar l-14 ta’ Jannar, 2003, fi sit ta’ kostruzzjoni li huwa sitwat fi Triq il-Qampiena l-Kbira, Swatar limiti ta’ l-Msida, kmieni wara nofs in-nhar, ghal habta tas-1:30 p.m. b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni, jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b’nuqqs ta’ tharris tar-regolamenti, ikkaguna il-mewt ta’ Ashitiru Omar Ali Ahmed

u dan ai termini ta’ l-artikolu 225 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-ligijiet ta’ Malta.

b) fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi naqas milli jassigura s-sahha u s-sigurta’ tal-persuni kollha li jistghu jigu effetwati bix-xoghol li jkun qed isir u dan billi naqas milli jiehu l-passi necessarji sabiex jigu evitati danni fiziki, korriment jew mwiet fuq il-post tax-xoghol, kif ukoll naqas milli jiehu l-mizuri necessarji kollha sabiex ir-riskju jigi ridott kemm huwa ragonevolment prattiku, u dan ai termini ta’ l-artikolu 6(1) u (2) (e) tal-Att dwar l-awtorita’ ghas-Sahha u Sigurta’ fuq il-post tax-xoghol, (Att XXVII tal-2000) Kap 424.

Ikkunsidrat:

L-imputat jinsab akkuzat bl-omicidju involontarju ta’ certu Askitiru Omar Ali Ahmed.

L-akkuza tinsab amessa. Difatti l-imputat irregistra ammissjoni u baqa jsostni fuqha anka wara li l-Qorti taghtu zmien jikkonsidra. L-ammissjoni hi indubbjament wahda volontarja u nkondizzjonata.

Issa fl-atti hemm esebit l-process verbal li jaghti stampa cara ta’ dak li ppreceda l-mewt accidentali tal-imsemmi Ali Ahmed. Dwar l-accidentalita’ tal-mewt m’hemmx dubbju, jirrisulta li mill-atti tal-process verbal li l-vittma kien gie ingaggjat mill-imputat biex jaghmel xoghol ta’ tikhil u tibjid f’fond li kien taht kostruzzjoni sitwat f’Triq il-Qampiena l-Kbira, tas-Swatar, l-Imsida. Jidher li d-disgrazja grat waqt li l-vittma mar fuq il-bejt sabiex jimlha u jraqqaha toqba li kienet baqghet mikxufa hekk kif tnehhiet it-travetta li fuqha kien precedentement iserrah tavlun li presubilment kien ntuza biex inkesa l-hajt tax-xaft intern. Ghal xi raguni li baqghet mistura l-vittma fl-esekuzzjoni ta’ dan ix-xoghol tilef il-bilanc u waqa’ gholi ta’ cirka hdax il-metru. Huwa wisq probabbli mill-feriti li sofra f’rasu li l-vittma mietet mal-waqa u unikament konsegwenza taghha.

L-imputat, kif inghad, ammetta l-akkuza u b’daqstant din il-Qorti soffra f’dan l-istadju tghaddi ghal-piena. Fil-waqt li

qeghdha tiddikjara l-imputat hati tal-akkuzi migjuba fuq l-iskorta tar-risultanzi li johorgu mill-process verbal, u wara li rat l-Artikolu 325 tal-Kap 9 u wkoll u ghal kull bon fini l-Artikolu 6(1)(2) u 38 tal-Kap 424 qeghdha fuq ammissjoni tal-imputat tikkundannah Lm1000 multa. Wara li semghet it-talba tal-imputat biex jinghata zmien ghal-hlas, tawtorizzah biex ihallas l-multa b'pagamenti ta' Lm50 fix-xahar, l-ewwel pagament fl-ahhar ta' Jannar 2005 u kull l-ahhar tax-xahar sussegwenti u konsekuttivament bid-dekadenza fin-nuqas konvertibbli altrimenti f'sitt xhur prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------